MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Numru. 456/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Carmen Cushing**

Il-Qorti:

Rat li l-imputata Carmen Cushing ta' 59 sena, mart John David, bint Manwel Bugeja u Mary nee' Damato, imwielda Zurrieq fit-13 ta' Dicembru 1947 u residenti 'In Harmony', Triq San Pawl, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 30848 (M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:-

Fid-9 ta' Mejju 2007, ghall-habta tal-11 : 00pm, ingurjat lill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D, minhabba li

ghamlet id-dmirijiet taghha, bl-iskop illi ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' l-istess Magistrat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Mejju 2008 (esebit *a folio 20* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2007 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta fit-23 ta' Mejju 2008 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputata esebita a folio 19 tal-process, l-fatt li hija ddikjarat li jiddispjaciha ghall-incident u spjegat li dak li ghamlet, ghamlitu f'mument meta kienet emozzjonata minhabba li wahda mill-imwiet kienet relatata mal-familja taghha u hija skuzat ruhha pubblikament ghal li gara, u irtirat il-kliem kollu li qalet fil-konfronti tal-Gudikant in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 93 (1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-

kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------